**6 ta' Marzu, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magrì LL.D.**

**Carmelo Cremona et.**

*versus*

**Baskal Camilleri**

**Separazzjoni "di fatto" — Rikonoxximent ta' dejn — Art. 1015 Kod. Ċiv.**

*Il-liġi ma tirrikonoxxix is-separazzjoni "di fatto" li ġie definit bħala stat irregolari li l-liġi ma takkordalu ebda effett ġuridiku u għalhekk jippermani l-obbligu alimentari.*

*Pagament da parti tar-raġel miżżewweġ ta' akkont ta' dejn magħmul minn martu huwa rikonoxximent ta' l-istess dejn ta' martu u għalhekk ir-raġel ma jistax aktar jinvoka favur tiegħu l-inforanza ta' l-istess dejn.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi — premessi

d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — talbu illi l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kkundannat iħallas lill-atturi s-somma ta' tmintax-il lira (£18), bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' ikel u xorb lilu mibjugħa u kkonsenjati; bl-ispejjeż; inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-tmintax ta' Marzu, 1964, u bl-imgħax mid-data tan-notifika ta' l-istess 6 ta' Ġunju, 1964;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u n-nota tax-xhieda tagħhom;

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li l-pretensjonijiet li l-konvenut mhux tenut għad-dejn in kwistjoni għaliex martu hija separata di fatto ma tidhirx li għandha fondament u għalhekk il-Qorti qegħda tirrespinġiha.

OMISSIS;

Li, ma jidhirx li bejn il-konvenut u martu kien hemm armonija konjugali fiż-żmien li dina l-aħħar kienet qegħda tieħu l-ikel mingħand l-atturi, iżda dana ma jfissirx li kienet teżisti dik is-separazzjoni di fatto kontemplata mid-dottrina u mill-ġurisprudenza li teżimi lill-konvenut mill-obbligu li jħallas id-dejn in kwistjoni in virtù tal-mandat taċitu, għaliex irriżulta abbondantement li meta l-mara tal-konvenut kienet tieħu l-ikel mingħand l-atturi r-raġel kien imur u anki kien jorqod u joqgħod id-dar magħha (Kollez. XXXVIII, i, 384). Del resto, il-liġi ma tirrikonoxxix is-separazzjoni di fatto (App. Mallia Tabone utrinque, 16-6-1909; u Kollez. XXXVI, i, 212), li fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Sedi Inferjuri, fit-2 ta' Ġunju, 1915, in re "Mangion vs. Formosa", ġiet definita: "Stato irregolare cui la legge non attribuisce alcun ef-

fetto giuridico," liema konċett insibuh ribadit fid-dottrina ġuridika reċenti, li kkwalifikat "la separazione di fatto come la situazione che si verifica quando la convivenza coniugale cessa per una ragione qualsiasi, senza che intervenga alcun provvedimento legale a regolare il nuovo stato di cose". (Avv. Prof. Umberto Azzolina — "La Separazione Personale dei Coniugi", U.T.E.T. paġ. 227, para. 86).

Li għalhekk, fir-rapporti patrimonjali ta' bejn il-miżżewġin separati di fatto jippermani l-obbligu alimentari "il quale può essere fatto valere in forma autonoma e diretta, indipendentemente da qualunque pronuncia giudiziale sullo stato di separazione" (Ibid. para. 88, pag. 233; Cassazione, 31 Luglio, 1941, in re Micheli vs. Schaedle, Foro Rip. 1941, 1393) — u billi bejn il-konjugi Camilleri ma rriżultax li jeżisti ebda nuqqas ta' konvivenza, il-preżunzjoni kontemplata mill-art. 1015 (1) tal-Kodiċi Ċivili tibqa' sseħħ "di pieno diritto", fil-każijiet previsti fiha, għaliex l-ikel tal-mara u tat-tfal huma bżonnijiet tad-dar soliti u ta' kuljum.

Ikkunsidrat:

Li anqas il-pretensjoni tal-konvenut li d-dejn in kwistjoni sar kontra d-diviet tiegħu ma jisthoqqilhiex li tiġi milqugħa għall-motivi segwenti:

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li la darba l-Qorti rriteniet li l-konvenut kien jaf jew seta' kien jaf bid-dejn ta' martu, u rrikonoxxih qabel għarraf iddiffida tiegħu lill-atturi, m'hemmx lok li tiġi eżaminata l-eċċezzjoni tal-konvenut sollevata fin-nota tal-awtorità li l-preżunzjoni stabbilita fl-art. 1015 tal-Kodiċi Ċivili mhijiex aktar

effikaċi meta r-raġel ikun jagħti flus biżżejjed lill-martu biex tixtri l-bżonnijiet tad-dar bla dejn.

Li f'materja ta' rikonoxximent ta' dejn, timpera r-regola enunċjata fid-dottrina u affermata anki fil-ġurisprudenza tagħna, li hija sufficjenti espressjoni kwalunkwe ta' volontà, ladarba l-liġi xejn ma tiddisponi f'dana r-rigward; u li r-rikonoxximent mhux ħaġ'oħra ħlief rinunzja, u għalhekk isiru applikabbli għaliha r-regoli komuni tar-rinunzja; u anqas ma hemm bżonn li r-rikonoxximent jiġi aċċettat mit-titolari taddritt hekk rikonoxxut, għaliex ir-rikonoxximent jammonta għal konfessjoni, li hija qatt merament unilaterali (Laurent, Principi di Dto. Civ. Vol. 32, para. 121, 126; Kollez. XXXVIII, ii, 606). Il-pagament ta' l-imsemmi akkont huma att univoku li għandu jiġi interpretat bħala rikonoxximent da parti talkonvenut tad-dejn ta' martu; u għalhekk illum ma jistax aktar jinvoka favur tiegħu l-injoranza ta' l-imsemmi dejn, li, del resto, anqas ma ġie kontestat dwar il-partiti u l-ammont dedott, liema dejn jinsab kopert bil-presunzjoni kontemplata flart. 1015 ġa fuq ċitat, u għandu jirrispondi għalih il-konvenut, in attiż il-fatt li huwa kien qiegħed jgħaddi lill-martu u lillbintu l-pensjoni alimentarja ta' erbgħin lira fix-xahar.

Ikkunsidrat:

Li l-Qorti tħoss li għandha tirrileva li f'dina l-kawża, għalkemm in apparenza, il-miżżewġin Camilleri wrew ruħhom bħala miġġeldin fiż-żmien li kienu qegħdin isiru dawna l-forrituri ta' l-ikel (v. Depożizzjoni ta' Helen Camilleri a fol: 33) fil-fatt irriżulta wisq tanġibilment l-oppost u li kollox ġie makkinat biex l-atturi jiġu mċaħħda mill-kreditu tagħhom. Sitwazzjoni bħal dina kienet minn dejjem soġġwardata b'suspett tant mill-awturi kemm mill-Qrati tagħna li, waslu biex jiddeprekaw l-għemil tar-raġel f'kawża bħal dina, b'dawna l-kelmiet: "Non meritano protezzione quei koniugi di mala fede,

i quali dopo essersi avvantaggiati del patrimonio altrui, colludono per eccepire la nullità della obbligazione della moglie" (Pothier: "Della Potestà del Marito", Sez. III, para. 1 no. 49; Kollez XXVI, i, 340).

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi bl-ispejjeż kontra l-konvenut.